MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1409/2011

**Il-Pulizija**

**Spettur Jessica Grima**

**Vs**

**Mauro Petrillo**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Mauro Petrillo ta' 33 sena, imwieled l-Italja fl-24 ta' Gunju 1978, iben Marco u Teresa nee' Reggio u residenti fil-fond Josef, Triq Viani, Tas-Sliema u detentur tal-karta tal-identita' numru 66974A gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer nhar l-21 ta' Dicembru 2011, bejn is-sitta u s-sebgha ta' filghaxija gewwa l-fond numru 26, Garda, Flat 3, Triq ta' Zandu, San Pawl il-Bahar u/jew fil-vicinanzi:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja fil-periklu car, ikakguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Donna Debono, numru tal-karta tal-identita' 62284M, omm bintu;

2. Fl-istess data, hin u lok, bl-imgieba tieghu kkaguna lill-istess omm bintu Donna Debono, biza' li se tintuza jew intuzat vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra axxendenti, dixxendenti awha subien jew bniet.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-11 ta' Ottubru 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandux triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u kkunsidrat l-fatt ukoll li l-parti civili Donna Debono rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat u nfurmat il-Qorti li llum il-gurnata hi u l-imputat qed jghixu flimkien u l-istess imputat indirizza l-problema tal-alcohol b'mod definittiv u r-relazzjoni taghhom miexja tajjeb.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-27 ta' Jannar 2012 u senjatament l-Artikoli 214, 216, 251(b)(1) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta'

Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------